# Il-Kunċizzjoni fil-Kottonera

minn Charles Galea Scannura

Meta wieħed iħares lejn l-istorja ta' l-inħawi tal-Kottonera, malajr jinduna kemm it-Tlett Ibliet għandhom storja rikka, kemm għandhom ġrajjiet li jiddistingwuhom u jagħmluhom uniċi. Fl-istess ħin tinnota wkoll kemm għandhom drawwiet u devozzjonijiet li jixxiebhu u li juru li għandhom bosta karatteristiċi li jorbtuhom. Fost l-oħrajn hemm id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni li xxettlet ukoll barra minn Bormla.

Hekk insibu li fil-Birgu d-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni għandha l-għeruq qodma tagħha. Fil-knisja tan-Nattività li kien hemm f'Sant'Anġlu kien hemm ikona tal-Madonna tas-Sokkors bid-data 1462 fin-naħa t'isfel fix-xellug. Kienet impittra bit-tempra fuq l-injam u aktarx li kienet il-parti ċentrali ta' trittiku. Kienet turi l-Madonna bil-Bambin f'idha u tgħin minn idejh wieħed raġel biex teħilsu mix-xitan. Id-disinn ta' fjuri fl-ilbies tagħha u l-mod kif kienet impittra, jindikak li kienet xogħol ta' artist influwenzat mill-Gotiku u r-Rinaxximent bikri. Din l-ikona kienet ġratilha l-ħsara u ġiet restawrata fl-1855. Kienu ħaduha fl-Awla Kapitulari ta' San Lawrenz u disgrazzjatament inqerdet fis-16 ta' Jannar 1941 meta l-Knisja tal-Birgu ntlaqtet bil-bombi waqt attakk ta' l-għadu fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

## Fi Knejjes żgħar fil-Birgu

F'xi knejjes żgħar oħra fil-Birgu ukoll tidher li kienet daħlet id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni. Fl-1759 kien innutat li kien hemm kwadru ovali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li kien jinsab fl-altar ta' Monserrat fil-Knisja tat-Trinità. Kien innutat ukoll li fil-knisja ta' Santa Skolastika f'altar tal-ġenb kien hemm kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li ġie attribwit kemm lil Ġan Nikola Buhagiar kif ukoll lil Francesco Vincenzo Zahra. Fih tidher il-Madonna fin-nofs iżżomm f'idha lill-Bambin li f'idejh qed iżomm bastun twil forma ta' salib li jasal sa fuq ras is-serp li jinsab taħt sieq il-Madonna. Taħt saqajn il-Madonna hemm ukoll il-qamar u globu. Fil-parti ta' fuq jidher is-sħab b'xi anġli żgħar jew puttini bil-ġwienaħ. In-naħa t'isfel fuq il-lemin tal-Madonna hemm San Ġwann Battista u San Pietru u fuq ix-xellug qaddisin oħra, Santa Skolastika u San Pawl, u taħt bejniethom jidhru sejf u nagħġa.

## Fil-Knisja ta' San Lawrenz

Fil-Parroċċa ta' San Lawrenz fil-kappellun fuq ix-xellug tal-maġġur hemm l-altar iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Hu rrapurtat li qabel l-1602 ċertu Antonio Fava kien waqqaf altar iddedikat lill-Madonna tas-Sokkors, kif kienet ħafna drabi tissejjaħ il-Kunċizzjoni. Dan kellu kwadru deskritt bħala tal-Kunċizzjoni. Bħall-knejjes l-oħra prinċipali, il-knisja tal-Birgu kien sar żvilupp fil-bini tagħha aktar tard fis-seklu Sbatax imma l-altar tal-Kunċizzjoni baqa' hemm. Il-kwadru titulari hu ta' artist mhux magħruf ta' skola Taljana. Dan kien ġie restawrat minn Maurice Cordina fl-1974. Fil-mensa

ta' dan l-altar fl-1790 tqiegħed il-korpu sant, jew fdalijiet ta' Santa Kostanza. Kull naħa tat-tieqa fuq l-altar tal-Kunċizzjoni hemm pitturi li jissimbolizzaw il-virtujiet tal-Manswetudni u l-Fortitudni.

Dwar l-1646 marbuta ma' dan l-altar kienet twaqqfet Kongregazzjoni jew Fratellanza li mal-1671 kellha l-oratorju tagħha qrib l-altar ta' San Rokku. Il-membri ta' din il-fratellanza kelhom l-obbligu tagħhom bħal ta' fratellanzi oħrajn u kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Tnejn u fir-raba' Ħadd tax-xahar u l-laqgħat tagħhom kienu jkunu mmexxija mill-Kappillan. Skond rapporti ta' Viżti Pastorali mal-1685 kienu bdew jagħmlu proċessjoni bi statwa tal-Madonna kull sena u aktar tard fis-seklu Tmintax kienu bdew jiċċelebraw l-ottava tal-festa u anke in-novena tal-Milied.

## Statwa ta' Xandru Farrugia

Nafu li fl-1838 fil-Birgu kienet inġiebet l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li kien imqabbad jagħmel Xandru Farrugia (1791-1871) meqjus bħala l-aħjar artist li mexa fuq l-istil ta' Mariano Gerada. Din l-istatwa maħduma fl-injam u miksija bil-ġibs u miżbugħa sabiħ turi l-Madonna bl-ilbies rikk u wiċċ ħelu. Fil-1970 din tqiegħdet f'niċċa dekorata li kienet saret fl-1880 għall-istatwa ta' San Lawrenz. Interessanti hu r-rapport li ħalla fid-djarju tiegħu dwar iż-żjara tar-Reġina Adelaide f'Malta, Sir Hector Greig, Segretarju Prinċipali tal-Gvern bejn l-1838 u l-1847, dwar kif din l-istatwa waslet il-Birgu l-Ħadd 2 ta' Diċembru, 1838.


*L-istatwa tal-Kunċizzjoni xogħol Xandru Farrugia.*

Hu jirrakkonta hekk: "Wara nofs in-nhar ir-Reġina maret iżżur il-Princess Charlotte, il-flagship u ġiet milqugħa minn Sir Robert Stopford. Ir-Reġina ġiet ukoll għal darb'oħra mdawra mal-port mill-Kaptan Loch u dehret li kienet qed tieħu pjaċir b'din id-dawra. Meta kienu għaddejjin qrib is-suq ta' Bormla ġrat okkażjoni li ma kinitx formali, imma tassew interessanti. Folla nies kienet qed iġġor statwa, li kienet għadha kif tlestiet tal-Beata Vergni Kunċizzjoni, lejn il-Parroċċa tal-Birgu u kienet akkumpanjata minn banda. Il-Maltin ma naqsux milli jieħdu l-opportunità biex jagħmlu kumpliment lir-Reġina; l-istatwa ġdida ġiet imdawra biex tħares lejn il-Maestà Tagħha, f'tarf il-moll, hekk kif il-barkun rjali kien għaddej; u hi waqfet biex turi l-apprezzament tagħha għal din l-espressjoni spontanja billi xxejjer idejha, waqt li l-banda daqqet l-innu nazzjonali."

Ħaġa oħra li tinsab fil-Knisja ta' San Lawrenz li tfakkar il-Kunċizzjoni hija pittura tal-Verġni ta' Lourdes li saret minn Ignazio Cortis (1826-1898) li kien studja fl-Akkademja ta' San Luqa, Ruma, u li pitter il-koppla u n-navata ta' San Lawrenz. Diżgrazzjatament ħafna mix-xogħol tiegħu kien tfarrak bil-gwerra. F'waħda mill-kappelli hemm din il-pittura żgħira fuq it-tila li turi l-Verġni ta' Lourdes bit-tfajla Bernardette għarkupptejha

quddiemha u bil-kliem "*Ego Sum Immaculate Conceptio*' madwar ras il-Madonna li għandha wkoll kuruna fuq rasha. Din il-pittura hi aktarx waħda mill-aktar bikrin li saru li tfakkar din id-dehra. Saret fl-1875 u kienet ġiet esposta għall-qima f'Awissu tul l-erbat ijiem ta' wara l-ottava tal-festa ta' San Lawrenz. Fis-Sena Marjana tal-1954 il-kwadru kien tqiegħed fi gwarniċ tal-fidda li kienet ġabret għalih Marija Portelli mill-Birgu.

## Il-Bambina ta' l-Isla

Fil-Parroċċa ta' l-Isla ddedikata lit-Twelid tal-Madonna, id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni tidher li għandha bidu ma' l-istatwa tal-Bambina stess. Il-mibki Patri Alexander Bonnici li kiteb l-istorja tal-Bażilika-Santwarju ta' l-Isla, jindika li qrib l-1618 il-Kappillan Dun Cosmo Talavera laqa' bil-ferħ statwa fl-injam, jew pulena, tal-Madonna li għall-ewwel bdew isejħuha ta' l-Immakulata. Din qegħedha fuq altar fuq il-lemin tal-maġġur li beda jissejjaħ tal-Madonna tas-Sokkors jew Immakulata Kunċizzjoni. Dan l-altar li kien imdaħħal taħt ħnejja, ġie mwaqqaf minn Nardu De Maria (li miet fl-1694) li kien kaptan ta' xini tal-qdif ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fi żmien qasir l-istatwa kienu ndurawha u għamlulha raġġiera u bdiet tiġbed devozzjoni kbira. Ħabta tal-1645 De Maria ta lill-altar biex ikollu meżżi biżżejjed għall-manteniment tiegħu. Waqt li jirrakonta dwar l-iżvilupp tal-bini tal-knisja parrokkjali, Bonnici jgħid li għal ħafna snin l-istatwa baqgħet magħrufa bħala ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u li kienet tqegħdet f'niċċa fuq l-altar. Mal-1631 l-altar kienet diġà saritlu kappella. Fl-1679 meta l-bini tal-knisja kien tista' tgħid lest, l-altar kien l-ewwel wieħed minn erbgħa tan-navata laterali tal-maġġur. Aktar tard, skond l-użanza, kien sar kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni għall-altar biex jgħatti n-niċċa. Dan hu attribwit lil Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773)

Żviluppi oħra fil-bini saru fis-seklu Tmintax li għamlu l-knisja aktar maestuża. Il-kappella tas-Sagrament li bdiet tinbeda fil-1784 fuq wara l-altar saret ukoll il-kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u hemm għal żmien twil inżammet l-istatwa tal-Bambina li fl-ewwel snin tas-seklu Tmintax kienu għamlulha kuruna tal-fidda fuq rasha. Il-kappella f'għamla ovali nbniet minn Mro. Salvatore Cachia. F'Diċembru 1787 tqiegħdet l-istatwa fin-niċċa mill-isbaħ kollha tiżjin u skultura. Diversi Viżti Pastorali jagħtu tagħrif dwar din il-kappella u kemm kienu jieħdu ħsiebha.

Ta' min jinnota hawn li meta Lwiġja u oħtha Margerita Sagnani flimkien ma' Roża Domitilla u oħtha Maddalena de Lucca li kienu terżjarji tat-Tielet Ordni Dumnikan, iddeċidew li jwaqqfu Konservatorju għall-bniet fl-Isla, dawn iddedikawh lill-Immakulata Kunċizzjoni. B'kuntratt li għamlu f'Ġunju 1726 taw dar li kienet tinsab ix-xatt ta' l-Isla għal dan l-iskop. Il-kappella li għamlu li fiha kienet iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni kif kien ukoll dan il-konservatorju. Fl-1759 kien innotat ukoll li kien hemm kwadru ovali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fuq l-altar ta' San Filippu Neri fil-knisja tal-Portu Salvu.

## Fratellanza tal-Kunċizzjoni

Marbuta ma' l-altar ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-parroċċa kienet twaqqfet Fratellanza fl-ewwel nofs tas-seklu Sbatax, aktarx bejn l-1647 u 1650. Il-fratelli kellhom kunfratija bajda tal-għażel, ċinglu u viżiera bajda, u muzzetta lewn ċelesti li għall-ewwel kienet tal-għażel imbagħad fl-1766 iddeċidew li tkun tal-ħarir. Fuq ix-xellug tal-muzzetta kienu bdew iwaħħlu midalja żgħira bix-xbieha ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Ir-rettur kien jilbes medaljun bix-xbieha tal-Bambina.

Bħal fratellanzi oħra, din kellha l-attivitajiet tagħha, fosthom laqgħat kull nhar ta' Tlieta, sehem fil-pruċissjonijiet u ħidma ta' karità. Kienet daħlet id-drawwa li kull ġimgħa erba' fratelli joħorġu jiġbru flus, ħobż u ħwejjeġ biex imbagħad iqassmuhom lill-foqra wara l-laqgħa li kien ikollhom kull ġimgħa. Dil-ħidma inqatgħetd tard fis-seklu Tmintax.

Rigward festi, dil-Fratellanza kienet tieħu ħsieb il-festa tat-8 ta' Diċembru, għall-ewwel bl-ewwel u bit-tieni għasar u quddiesa kantata u dwar l-1696-1699 bdew jorganizzaw purċissjoni bl-istatwa u quddies tul l-ottava tal-festa u oħra fir-raba' Ħadd ta' Mejju, fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Fis-seklu Tmintax kienu bdew jagħtu importanza lil din il-festa li fiha kien jitbierek u wara jitqassam ħafna ġilju. Tissemma' Geronima Portelli li kellha ġnien f'Bormla, li kienet toffri l-ġilji li jiftħu f'Mejju għall-festa u li fl-1779 qisuha bħala benefattriċi tal-fratellanza. Fl-istess seklu l-fratellanza bdiet tieħu ħsieb il-festa u l-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt fl-Għid il-Kbir u ċelebrazzjoni liturġika fl-aħħar tas-sena. Dwar l-1694 kienet bdiet tkabbar id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija b'funzjonijiet u purċissjoni żgħira fil-knijs kull raba' Ħadd tax-xahar barra Mejju.

Kawza tal-pesta ta' l-1676 kienu mietu ħafna fratelli. Wara li ħelsu minn dal-flagell, il-Fratellanza kienet għamlet weghda li tibda tagħmel il-kwindiċina jew il-ħmistax-il Sibt qabel il-festa tal-Kunċizzjoni. Kellhom marbuta mal-fesa anke xi festi esterni bhal daqq tal-qniepen. Tidher li kienet karaterristika ta' dawn l-inħawi: f'Bormla fl-1796 kien ingħata l-permess biex jindaqqu l-qniepen fl-ewwel u l-aħħar Sibt tal-kwindiċina, waqt li fl-1775 fil-Birgu kienet saret għotja biex ikunu jistgħu jindaqqu xi strumenti mużikali u jsir sparar tal-murtaletti fl-aħħar Sibt tal-kwindiċina.

## Statwa ta' Mariano Gerada

Mal-bidu tas-seklu Dsatax, l-istatwa tal-Bambina ġieli rreferew għaliha bħala 'ta' l-Immakulata l-qadima'. Tard fis-seklu Tmintax, il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni kienet bdiet taħseb biex ikollha statwa ġdida, għalhekk fl-1797 kienu biegħu libsa tal-lama li kienet ingħatat għall-Bambina biex ikollhom il-fondi meħtieġa. Biex jagħmel l-istatwa kien tqabbaad Mariano Gerada (1766-1823) li kien joqgħod f'Bormla. Dan lestieha fl-1804. Fis-6 ta' Diċembru 1804 ħaduha privatament mgħottija b'velu sal-knisja tal-Portu Salvu (San Filippu) fejn ġiet esposta. Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla sar kant ta' l-Għasar u wara harget purċissjoni sal-knisja tal-Portu Salvu. Hemm l-istatwa ġiet imbierka mill-Arċipriet Vincenzo Cachia u mbagħad ħaduha f'purċissjoni sal-Kolleġġjata. Fit-8 ta' Diċembru 1804 imbagħad saret il-festa bl-istatwa.



*L-istatwa tal-Kunċizzjoni xogħol Mariano Gerada.*

Forsi ta' min jinnota li l-Isla għaddiet

minn bosta ġrajjiet oħra li jorbtuha mal-Madonna. Fl-10 ta' April 1718 sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Marija Bambina Immakulata sa Santa Marija tal-Ħlas f'Ħal Qormi, biex isir talb għax-xita. Fl-1757 kienet saret purċissjoni ta' penitenza bl-istatwa tal-Bambina sal-knisja tal-Portu Salvu biex isir talb għall-ħarsien tal-Madonna minħabba ħsarat li ġraw kawża ta' rjieħ qawwija. Fil-15 ta' Mejju 1813 mill-Isla għamlu pellegrinaġġ kbir u bl-istatwa ta' l-Immakulata 'il-qadima' jiġifieri tal-Bambina, sal-Lunzjata tal-Birgu bħala ringrazzjament għax l-Isla ma ntalqtetx bil-pesta. Dak in-nhar il-knejjes kollha tal-Kottonera daqqew il-qniepen. Fl-4 ta' Settembru 1921 l-Isla kellhom l-akbar festa meta saret l-Inkoronazzjoni tal-Bambina.

## Wara l-Gwerra

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, l-inħawi tal-Kottonera sofrew bosta tiġrib. Forsi l-Isla kienet l-aktar li batiet minħabba l-attakki mill-ajru li kienu jkunu ta' sikwit. Fis-16 ta' Jannar 1941 il-knisja sofriet bil-kbir kawza tal-bombi li tefa' l-għadu fuq l-inħawi. L-istatwa tal-Bambina ħaduha Birkirkara. Il-kappella fejn kienet, kienet intlaqtet bil-blast tal-bombi. Wara l-gwerra l-knisja nbiet mill-ġdid; fil-kappella tas-Sagrament fin-navata fuq il-lemin tal-maġġur tqiegħed il-kwadru antik ta' Immakulata Kunċizzjoni attribwit lil Francesco Zahra u b'hekk id-devozzjoni u r-rabta mal-Kunċizzjoni komplew jiġġeddu.

Fis-saqaf tal-kor tal-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu, il-knisja matriċi tal-Kottonera, jidhru erba' anġli jżommu l-armi tal-parroċċi tal-Kottonera – tal-Birgu, ta' l-Isla, ta' Bormla u tal-Kalkara. Dawn simbolikament ifakkru ħafna affarijiet karaterristiċi ta' l-istorja tagħhom. Iġegħluna nirriflettu. Hawn rajna wkoll li fit-Tlett Ibliet id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni hi karaterristika oħra li tgħaqqadhom u tiddistingwihom.




Manwel Vella.

Florist

209, St Joseph Street,
Żabbar
Tel: 2182 6613
Mob: 9982 1576